MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 743/2000/1

**Peter Azzopardi għan-nom u in rappreżentanza ta' Canadian Brothers Ltd**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell prinċipali ad istanza tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-

Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-12 ta' Novembru 2010 billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju, tħassarha u tirrevokaha fil-kumplament tagħha, u tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta` rikorrenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

**2.** Is-soċjeta` rikorrenti da parti tagħha għamlet appell inċidentali li permezz tiegħu qed titlob lil din l-istess Qorti tbiddel is-sentenza fuq imsemmija fis-sens li bħala rimedju għall-vjolazzjonijiet fundamentali tagħha (1) il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet jiġi ordnat jiddetermina l-kumpens dovut skont il-valur tal-proprjeta` fis-sena 2004, u (2) il-Kummissarju tal-Artijiet iħallasha somma akbar minn €25,000, bl-ispejjeż tal-ewwel istanza a karigu tal-intimati u tat-tieni istanza a karigu tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet.

**3.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:
"Il-Qorti

"Rat ir-rikors tas-socjeta` Canadian Brothers Limited fejn gie premess:-

"Illi s-socjeta` rikorrenti hi proprjetarja ta' bicctejn art fl-Imsida wahda tal-kejl ta' 901.3 metri kwadri inkluza kamra rurali, li tmiss mill-Majistral ma' proprjeta' ta' Guse Diacono, mill-Grigal ma' proprjeta ta' Eucharistic Zammit u mix-Xlokk ma' Triq il-Wied u l-ohra tal-kejl ta' 239.8 metri kwadri li tmiss mill-Lbic ma proprjeta` ta' Dr. Gerard Montanaro Gauci LL.D u ohrajn, mill-Majistral ma' proprjeta' ta' George Pace u ohrajn u mill-Grigal ma proprjeta tas-Sur Eucharistic Zammit.

"Illi dawn il-bictejn art ittiehdu mill-poter tar-rikorrenti mill-intimati permezz ta' Dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ottubru, 1974 b'l-Avviz numru 691 u l-akkwist ta' dawn il-bictejn art kellu jkun b'xiri assolut.

“Illi fid-19 ta’ Gunju, 1992 l-itnimati hargu l-Avviz ghal Ftehim izda qatt ma istitwew il-proceduri relattivi quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet.

“Illi sal-gurnat ta’ llum ghaddew iktar minn ghoxrin sena minn meta r-rikorrent gie iddeprivat mill-proprjeta tieghu u sal-lum ghadu ma giex irrikompensat ghal din id-deprivazzjoni.

“Illi dan l-agir tal-intimati jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti peress illi (a) l-ewwel nett huma naqsu li, fi zmien ragjonevoli, jiddeciedu fir-rigward tal-kumpens dovut lir-rikorrent ghad-deprivazzjoni tal-proprjeta’ sofferta minnhom u sussegwentement jghaddu ghall-hlas ta’ dan l-istess kumpens u ghaldaqstant qeghdin jilledu d-dritt fondamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u (b) it-tieni net, huma naqsu li jikkompensaw lir-rikorrenti ghall-valur tal-proprjeta’ li huma esproprjaw mill-pussess taghha u ghaldaqstant qeghdin jilledu d-dritt fondamentali tar-rikorrenti kif protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem.

“Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta` rikorrenti qed titlob li jinghataw dawk l-ordnijiet u dawk id-direttivi biex tassigura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali protetti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-Artikolu 6 ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropea kif ukoll bl-Artikolu 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fosthom billi jigi dikjarat li tali dewmien kif fuq deskritt jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif proetti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-Artikolu 6 ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropea kif ukoll bl-Artikolu 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u billi jigi ffissat zmien qasir u perentorju ghall-hlas tal-kumpens dovut lill-esponenti ghad-deprivazzjoni mill-proprjeta’ taghha u billi jinghata

kull rimedju iehor necessarju u opportun biex jigu protetti d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif fuq inghad.

“Rat ir-risposta tal-intimati fejn gie sottomess illi preliminarjament, l-Avukat Generali m’huwiex legittimu kontradittur ghall-azzjoni stante li ma hemm xejn fir-rikors promotur li huwa addebitat jew li jista’ jigi addebitat lilu; subordinatament dina l-Qorti ghandha tiddeklina milli tesercita l-gurisdizzjoni taghha skond il-Kap IV tal-Kostituzzjoni u skond l-Att XIV tal-1987 stante li r-rikorrent kellu u ghad ghandu mezzi xierqa ta’ rimedju ordinarju ghal-lanjanzi tieghu. Illi infatti r-rikorrent f’din il-kawza qieghed jilmenta illi ghad illi huwa ilu li oggezzjona ghall-ammont offert lilu fl-avviz ghall-ftehim mahrug fit-termini ta’ l-artikolu 12(1) tal-Kap 88 l-awtorita kompetenti naqset li tirreferi l-kwistjoni lill-Bord ta’ Arbitragg dwar Artijiet fit-termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kap.88, li ma jimponix terminu fuq l-awtorita pubblika li fih ghandu jsir ir-rikors quddiem il-Bord ta’ Arbitragg dwar l-Artijiet u dan, inter alia, peress illi l-ligi tippermetti illi l-ammont ta’ kumpens jigi anke negozjat bejn l-awtorita’ kompetenti u s-sid. Illi ghalhekk l-obbligazzjoni imposta fuq l-awtorita’ pubblika fit-termini tal-artikolu 22(3) hija obbligazzjoni minghajr terminu li l-ezekuzzjoni taghha thalliet fir-rieda tad-debitur u li dwarha japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili u senjatament dwak tal-paragrafu (b) tal-istess artikolu li jaghti dritt ta’ azzjoni biex jigi stabbilit mill-Qorti iz-zmien li fih ghandha tigi esegwita l-obbligazzjoni.

“Ghalhekk ghas-sitwazzjoni li minnha qieghed jilmenta r-rikorrent nomine u ghal dak li huwa qiehged jitlob tezisti azzjoni civili ad hoc illi ma tistax tigi esercitata permezz tal-proceduri specjali u eccezzjonali kontemplati fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u fl-Att XIV tal-1987 izda trid tigi esercitata permezz ta’ azzjoni ordinarja fit-termini tal-Kodici Civili.

“Illi kwantu bazata fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jostaw ghall-azzjoni odjerna d-disposizzjoni tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni.

"Illi kwantu bazati fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hija karenti minn fondament guridiku stante illi d-dewmien fir-referenza lill-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet huwa rizultat tal-fatt illi l-attur qatt ma esercita d-dritt tieghu li jitlob il-fissazzjoni ta'terminu ghal tali referenza fit-termini ta' l-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili u ghalhekk id-dewmien huwa attribwibbli ghal nuqqas tar-rikorrent stess.

"Illi kwantu bazata fuq l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol ghall-Konvenzjoni Ewropeja u fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hija ukoll infondata stante illi huwa car illi r-rikorrent ghandu dritt skond il-Kap 88 li jigi kompensat tal-valur tal-art esproprijata u meta l-Bord jiffissa l-kumpens r-rikorrent jinghata ukoll l-imghax fuq is-somma aggiudikata mid-data meta l-art ghaddiet fil-pussess tal-Gvern.  Ghalhekk il-ligi tipprovdi kemm ghall-kumpens giust kif ukoll ghall-kumpens ghad-dewmien fl-ghoti ta' l-istess kumpens u ma tqum ebda kwistjoni ta' tehid ta' proprjeta minghajr kumpens.

"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi rilevat ukoll illi l-intervall ta' zmien bejn l-ispedizzjoni ta' l-avviz ghall-ftehim u proceudri ulterjuri gie ukoll prolungat mill-fatt illi wahda mill-intimati f'dak l-avviz ghal ftehim tad-19 ta' Gunju 1992 giet nieqsa fil-mori ta' l-avviz u d-decess taghha ta lok ghal komplikazzjonijiet.

"Ghal dawn ir-ragunijiet l-intimati filwaqt li rrizervaw illi jintavolaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, jissottomettu illi r-rikros ghandu jigi respint.

"Rat l-affidavit ta' Peter Azzopardi presentat mis-socjeta` rikorrenti.

"Rat l-affidavit ta' Margaret Falzon presentat mill-intimati.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti.

"Rat in-nota ta' referenzi tas-socjeta` rikorrenti.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-intimati.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

“Rat li l-kawza giet differitra sabiex tinghata s-sentenza.

“Ikkonsidrat:-

“Jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti kienet proprjetarja ta’ bicctejn art fl-Imsida wahda tal-kejl ta’ 901.3 metri kwadri inkluza kamra rurali u l-ohra tal-kejl ta’ 239.8 metri kwadri. Jirrizulta ukoll l-awtoritajiet kompetenti hadu b’xiri assolut l-imsemmija bicctejn art mill-poter tas-socjeta` rikorrenti permezz ta’ Dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-11 ta’ Ottubru, 1974. Dan l-esporprju sar fuq talba tad-Direttur tax-Xogholijiet in konnessjoni ma bini ta’ reservoir. Fid-19 ta’ Gunju, 1992 inhareg Avviz ghal Ftehim minn naha tal-awtoritajiet kompetenti u l-prezz offert f’dan l-Avviz ghax-xiri tal-bicctejn art gie kontestat mis-socjeta` rikorrenti. Almenu sal-gurnata tal-presentata ta’ dawn il-proceduri l-istess awtoritajiet kienu naqsu li jistitwixxu l-proceduri relattivi quddiem il-Bord kompetenti kif riedet il-ligi vigenti fiz-zmien in kwestjoni. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti ukoll almenu sal-gurnata tal-presentata ta’ dawn l-istess proceduri s-socjeta` rikorrenti kienet ghada mhux kompensata ghat-tehid tal-imsemmija artijiet.

“Skond ix-xhud prodott mill-intimati d-dewmien kien dovut ghall-fatt li kien hemm numru konsiderevoli ta’ sidien involuti u sabiex isiru l-verifiki kollha necessarji dwar it-titoli differenti fir-rigward tal-artijiet kollha li gew esproprjati ttiehdu numru ta’ snin anke biex gie stabbilit min kienu s-sidien. Ghandu jigi precizat li fl-imkien l-artijiet in kwestjoni ttiehdu artijiet ohra ta’ sidien ohra. L-istess xhud qalet li “bi zvista” l-Kummissarju naqas li jiftah il-proceduri quddiem il-Bord kompetenti izda malli l-istess Kummissarju induna mill-ewwel inbdew il-proceduri relattivi. F’dan ir-rigward jirrizulta mill-process stess li ttiehed tul ta’ zmien esagerat biex effettivament inbdew l-imsemmija proceduri u effettivament il-proceduri quddiem il-Bord kompetenti gew presentati fit-12 ta’ Jannar 2004.

“Skond is-socjeta` rikorrenti dan l-agir da parti tal-awtoritajiet koncernati jammonta ghal ksur tad-drittijiet fondamentali taghha billi fl-ewwel lok l-istess awtoritajiet jew ahjar l-intimati naqsu li, fi zmien ragjonevoli, jistabilixxu l-kumpens dovut lir-rikorrenti u naqsu li jghaddu ghall-hlas tal-kumpens relativ u ghalhekk, dejjem skond is-socjeta` rikorrenti, qed jigu lezi d-drittijiet fondamentali ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif protetti mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzjoni ta’ Malta u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll billi ma sarx il-hlas ta kumpens u b’hekk ukoll gew lesi d-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti kif protett mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-imsemmija Konvenzjoni Ewropeja.

“L-intimati qed jeccepixxu li l-intimat Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur stante li ma hemm xejn fir-rikors promotur li huwa addebitat jew li jista’ jigi addebitat lill-istess intimat.  Qed jeccepixxu ukoll li din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tittratta u tiddeciedi din il-vertenza stante li s-socjeta` rikorrenti kella mezzi ohra xierqa ta’ rimedju ordinarju.  L-intimati jissottomettu li lartikolu 22(3) tal-Kap.88 ma jimponix terminu fuq l-awtorita pubblika li fih ghandu jsir ir-rikors quddiem il-Bord ta’ Arbitragg dwar l-Artijiet u kwindi, skond l-intimati, l-obbligazzjoni in kwestjoni hi minghajr terminu u l-ezekuzzjoni taghha thalliet fir-rieda tad-awtoritajiet kompetenti u inoltre hawn japplikaw il-provedimenti tal-paragrafu (b) tal-artikolu 1078 tal-Kodici Civili li jaghtu dritt ta’ azzjoni lil min issubixxa t-tehid tal-proprjeta’ biex il-Qorti tistabilixxi zmien li fih ghandha tigi esegwita l-imsemmija obbligazzjoni.

“L-intimati jsostnu li kwantu ghall-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti li hi bazata fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jostaw ghall-azzjoni odjerna d-disposizzjoni tal-Artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni.  In kwantu gal-pretensjonijiet bbazati fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hija karenti minn fondament guridiku stante illi d-dewmien fir-referenza lill-Bord kompetenti hu dovut ghall-fatt li s-socjeta` rikorrenti

qatt ma esercitat l-imsemmi dritt taghha naxxenti mill-imsemmi artikolu 1078 tal-Kodici Civili u kwindi d-dewmien hu attribwibbli ghall-istess socjeta` rikorrenti. Kwantu ghall-pretensjonijiet ibbazati fuq l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol ghall-Konvenzjoni Ewropeja u fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hi infondata stante li skond il-Kap 88 is-socjeta` rikorrenti ghandha d-dritt li tigi kompensata tal-valur tal-art esproprijata u inoltre tinghata ukoll l-imghax. Kwindu hemm provediment ghall-kumpens giust kif ukoll ghad-dewmien. Id-dewmien kien dovut ukoll ghall-fatt li parti fl-Avviz ghal Ftehim tad-19 ta' Gunju 1992 giet nieqsa fil-mori ta' l-avviz u d-decess taghha ta lok ghal komplikazzjonijiet.

“Hu necesarju li jig puntwalizzat li jirrizulta li l-intimat Kummissarju tal-Artijiert beda l-proceduri quddiem il-Bord tletin (30) sena wara li l-art ittiehdet mill-pussess tas-socjeta` rikorrenti u kwindi l-istess socjeta` rikorrenti, li sal-gurnata tallum ghada ma nghatatx kumpens, giet imcahhda mit-tgawdija tal-artijiet in kwestjoni ghal tul ta'zmien li jista jinghad li hu konsiderevoli u dan minghajr ma nghatat kumpens. Fl-opinjoni tal-Qorti dan hu dewmien ezagerat u dfinittivament mhux giustifikat.

“L-ewwel ser tigi trattata l-eccezzjoni preliminari rigwardanti li l-intimat Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur. Skond il-provedimenti tal-artikolu 181B tal-Kap.12 hu car l-l-intimat Avukat Generali ma kellux jigi mharrek bhala intimat f'dawn il-proceduri appuntu in vista tal-fatt li gie mharrek ukoll bhala intimat il-Kummissarju tal-Artijiet li hu effettivament il-legittimu kontradittur. Dan qed jinghad ukoll in vista ta' dak kollu li gie premess fir-rikors promotur. Ghaldaqstant ghandu jigi dikjarat li l-intimat Avukat Generali mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u konsegwentement l-istess intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.. F'dan ir-rigward is-socjeta` rikorrenti ccitat sentenzi moghtija mill-Qrati nostrani li pero' nghataw qabel ma dahal fis-sehh l-imsemmi artikolu 181B u appuntu ghahekk is-sentenzi citati huma sorvolati bl-introduzzjoni tal-istess artikolu.

“Kwantu ghall-eccezzjoni fis-sens li din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha stante li s-socjeta` rikorrenti kella rimedju ordinarju skond dak li hemm provdut fl-artikolu 1078(b) tal-Kodici Civili, hi l-opinjoni ta’ din il-Qorti li l-allegati vjolazzjonijiet huma vjolazzjonijiet gravi li fi kwalunkwe kaz jimmeritaw li jigu approfonditi u decizi minn din il-Qorti. Inoltre r-rimedju skond l-imsemmi artikolu ma jistax jinghad li hu wiehed effettiv. Din il-Qorti, kif presjeduta, kella okkazjonijiet fejn ittrattat kawzi fejn kien jirrizulta li nonostante li l-intimiat Kummissarju tal-Artijiet gie ordnat mill-Qorti kompetenti li f’terminu prefiss huwa kellu jinizja l-proceduri quddiem il-Bord kompetenti, huwa naqas li jesegwixxi l-istess ordni. L-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jirreferi ghall-ezistenza ta’ “mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat” Hu assodat fil-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati li ir-regola in kwestjoni mhux wahda inflessibbli izda tiddependi fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti jekk ghandhiex tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tal-allegati vjolazzjonijiet jew le. Gie diversi drabi deciz li fejn ikun jidher li li jista’ jkun hemm kaz serju ta’ vjolazzjoni ta’ drittijiet fondamentali, l-individwu ma ghandux jigi privat mir-rimedju kostituzzjonali jew ir-rimedju taht il-provedimenti tal-Kap.319. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

“Din il-kawza inbdiet sitta u ghoxrin (26) sena wara li l-artijiet gew esproprjati u l-intimat Kummissarju tal-Artijiet beda l-proceduri quddiem il-Bord kompetenti wara tletin (30) li ttiehdet l-art in kwestjoni. L-imsemmi Kummissarju kien obbligat li jiftah l-imsemmija proceduri quddiem il-Bord fi zmien ragjonevoli. Almenu erbghin (40) sena wara li ttiehdet il-propjeta’ s-socjeta rikorrenti ghada ma rceviet l-ebda kumpens u inoltre jidher li x’aktarx tali kumpens ghadu ma giex stabbilit.

“Inoltre hu l-obbligu, naxxenti mill-ligi, inkombenti fuq l-intimat Kummissarju tal-Artijiet li jhallas kumpens xieraq ghall-art li giet esproprjata u l-istess intimat ma jistax jahrab mill-istess obbligu fuq pretest li s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprocedi kontra l-istess intimat sabiex jigi ffissat lilu terminu li fih kellu jadixxi l-Bord sabiex principalment

jigi stabbilit il-kumpens gust. Ghandu jigi rilevat li bil-ligi in vigore fiz-zmien in kwestjoni s-socjeta` rikorrenti kienet prekluza milli tinizja hi proceduri sabiex jigi stabbilit il-kumpens xieraq. L-obbligazzjoni inkombenti fuq l-imsemmi intimat m'ghandiex titqies, kif qed jippretendi l-istess intimat, li hi minghajr terminu u li l-ezekuzzjoni taghha thalliet esklusivament fir-rieda tal-istess intimat. Fuq kollox hu l-obbligu tal-intimat li jinizja l-proceduri in kwestjoni fi zmien ragjonevoli u dan anke in vista tal-fatt li l-offerta ghar-rigward tal-prezz tkun giet kontestata. Fl-opinjoni tal-Qorti l-intimat ghandu obbligu li kemm jista jkun malajr il-proceduri ta' espropju jigu finalizzati billi jigi pubblikat il-kuntratt relattiv u billi min issubixxa l-espropju jigi moghti l-kumpens gust u xieraq.

"Ghar-rigward tal-allegati ksur tad-driittijiet fondamentali tas-socjeta rikorrenti hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li d-dewmien inutili biex gew inizjati l-proceduri biex jigi determinat il-kumpens xieraq jammonta ghal ksur tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti kif protett mill-Artikolu 6(1) tal-ewwel skeda tal-Kap.319 u mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dawn il-provedimenti jistipulaw li fid-determinazzjoni ta' drittijiet civili kullhadd hu intitolat ghall smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragionevoli. Kif gia gie rilevat xhud prodotta mill-intimati qalet li kien 'bi svista' li l-intimat Kummissarju tal-Artijiet naqas li jibda l-proceduri in kwestjoni. Kwindi n-nuqqas ma kienx divut ghal dawk ir-ragunijiet li gew indikati fir-risposta tal-intimati. Ghalhekk minhabba 'svista' s-ocjeta' rikorrenti baqghat ma rceviet ebda kumpens ghal diversi snin.

"Ir-rimedju li ghandu jinghata lis-socjeta` rikorrenti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, ghandu jiehu l-forma ta' ammont ta' flus li ghandhom jithallsu mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti. Din is-somma zgur m'ghandiex tkun il-valur tal-artijiet in kwestjoni u dan peress li, skond il-ligi, is-socjeta rikorrenti ghad trid tithallas il-prezz gust tal-istess artijiet u dan ghandu ukoll jikkomprendi l-imghaxxijiet dovuti skond il-ligi minhabba d-dewmien minn meta ttiehed l-art sakhemm jithallas il-kumpens lis-socjeta` rikorrenti. Il-kumpens li ghandu jinghata in konsegwenza ta ' dawn il-proceduri ghandu

jirrefletti n-nuqqas tat-tgawdija tal-art minn naha tas-socjeta` rikorrenti minnghajr ma thallset ebda kumpens. Hu ovvju li ghandha tinghata xi konsiderazzjoni lill-valur tal-art pero’ hu zgur li l-istess valur m’ghandux ikun fattur determinanti fil-likwidazzjoni tal-kumpens. Ghandu jigi ukoll konsidrat it-tul ta’ zmien li ghadda inutilment minn mindu l-art giet esproprjata sakhemm l-intimat beda l-proceduri quddiem il-Bord u sakhemm eventwalment ser jithallas il-kumpens gust lill-istess socjeta` rikorrenti. Ghandhom jigu ukoll evalwati d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti minhabba in-nuqqas tat-tgawdija tal-artijiet in kwestjoni ghal tul ta zmien konsiderevoli. Finalment ghandu jinghata konsiderazzjoni l-fatt li l-artijiet in kwestjoni gew akkwistati bhala fabbrikabbli u kellhom jigu zviluppati ghal uzu kummercjali.

“Fin-nota Responsiva taghhom l-intimati jissottomettu li l-gudizzju mhux integru stante li s-socjeta` rikorrenti qed tezercita azzjoni dwar art illi hija m’hijiex l-uniku sid taghha u li ghalhekk tinhtieg il-presenza fil-kawza tas-sidien l-ohra kollha. Din l-eccezzjoni zgur li m’ghandiex tigi akkolta stante li z-zewg bicciet art in kwestjoni huma esklusivament proprjeta tas-socjeta` rikorrenti. Hemm nies ohra involuti fl-Avviz ta’ Ftehim stante li l-art giet esproprjata ma bicciet ta’ artijiet ohra li jappartjenu lill-terzi. L-artijiet kollha gew esproprjati bhala territorju shih pero’ t-terzi m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-art in kwestjoni. Tant hu hekk illi l-proceduri quddiem il-Bord kompetenti nfethu mill-intimat biss kontra s-socjeta` rikorrenti. Ghandu jigi ukoll rimarkat li l-presenti sentenza tolqot biss il-partijiet f’din il-kawza u terzi ma jistghux jigi effettwati minn din l-istess sentenza. Inoltre jigi rilevat li din il-Qorti mhux ser taghti ebda diposizzjoni dwar l-entita’ tal-kumpens li ghandu jinghata ghall-espropju tal-artijiet stante li din il-materja ghandha tigi determinata, skond il-ligiu, mill-Bord kompetenti u jekk is-socjeta` rikorrenti wara li jigi determinat il-kumpens xieraq mill-imsemmi Bord thoss li gew lesi xi drittijiet fondamentali taghha b’din l-eventwali decizjoni hi ghandha f’dan ir-rigward tagixxi skond id-drittijiet li ghandha skond il-ligu.

“In vista ta dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet kollha tal-intinmati ghandhom jigu rigettati ad eccezzjoni tal-eccezzjoni rigwardanti l-legittimu kontradittur u f’dan ir-rigward l-intimat Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. It-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jimmeritaw li jigu akkolti u ghalhekk ghandu jigi dikjarat li gew lesi d-drittijiet fondamentali tas-socjeta rikorrenti u bhala rimedju l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ghandu jigi ordnat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ euro hamsa u ghoxrin elf (€25000) bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

“Ghal dawn il-motivi kollha:-

“Tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-intimati rigwardanti l-illegittimita’ tal-persuna fir-rigward tal-intimat Avukat Generali u konsegwentement tillibera lill-istess intimat Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju. Tiddeciedi ukoll billi tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-intimati u billi tilqa it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tiddikjara li gew lesi d-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti kif protetti bl-artikolu 1 tal-ewwel protokoll u bl-artikolu 6(1) tal-ewwel skeda tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-artikolu 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dan billi kien hemm dewmien inutili u esagerat da parti tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet fl-inizjar tal-proceduri quddiem il-Bord kompetenti u billi l-artijiet gew espropriati minnhajr ma thallas kumpens lis-socjeta` rikorrenti ghal numru konsiderevoli ta’ snin li fihom is-socjeta` rikorrenti ma setghetx tgawdi l-istess artijiet. Tordna li bhala rimedju l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ euro hamsa u ghoxrin elf (€25000) bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

“Spejjez kollha kontra l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ad eccezzjoni ta’ dawk relattivi ghall-intimat Avukat Generali li ghandhom jithallsu mis-socjeta` rikorrenti.”

**Rikors tal-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet:**

**4.** L-aggravji tal-intimat appellant il-Kummissarju tal-Artijiet huma dawn:
(1) L-ewwel Qorti kienet żbaljata meta rriteniet li r-rikorrent nomine ma kellux a dispożizzjoni tiegħu <u>rimedju ordinarju u effettiv</u>. L-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 88 imkien ma jimponi terminu fuq awtorita` pubblika li fih għandu jsir rikors quddiem il-Bord, u fir-rigward tiegħu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1078(b) tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt ta’ azzjoni biex jiġi stabbilit mill-Qorti ż-żmien li fih għandha tiġi esegwita l-obbligazzjoni.

(2) L-ewwel Qorti interpretat b’mod żbaljat l-applikazzjoni tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex dawn jirreferu għall-<u>proċeduri li jkunu ġia` nbdew</u> quddiem l-awtorita` ġudizzjarja u li jieħdu żmien irraġjonevoli biex jiġu deċiżi. Ma jirreferux għal dewmien fl-ikkompletar ta’ atti amministrattivi, u dan wisq inqas meta l-istess dewmien seta’ jiġi evitat bl-intavolar ta’ kawża għall-fissazzjoni ta’ terminu mis-soċjeta` appellata stess.

(3) L-ewwel Qorti interpretat b’mod ħażin l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni għall-fatti tal-kawża odjerna. <u>Huwa wara li jiġi stabbilit il-kumpens</u> mill-Bord, li jekk is-soċjeta` rikorrenti b’xi mod tħoss li b’dik id-deċiżjoni ġie leż xi dritt fundamentali tagħha hija tista’ taġixxi taħt dawn l-artikoli sabiex tingħata rimedju opportun. Di piu` fir-rigward tal-Artikolu 47(9)(d) (li huwa artikolu li jagħmel riferenza Artikolu 37(1)) dan japplika biss għall-ħdim ta’ xi liġi magħmula wara d-data tat-3 ta’ Marzu 1962, u l-Kapitolu 88 ilu fis-seħħ minn ħafna qabel din id-data.

(4) Ir-rimedju mogħti mill-ewwel Qorti <u>mhux wieħed ġust</u>. Il-Qorti mhux obbligata tistabbilixxi danni. Id-dikjarazzjoni ta’ lezjoni ta’ drittijiet fundamentali hija fiha nnifisha a “just satisfaction” u għandha titqies bħala rimedju ġust u dan tenut kont tal-fatt li l-kumpens għadu qiegħed jiġi determinat quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u li s-soċjeta` appellata kellha rimedju ordinarju li

permezz tiegħu kien jiġi akkorċat id-dewmien li qed tilmenta minnu.

**<u>Risposta ta' Peter Azzopardi għan-nom u in rappreżentanza tal-Canadian Brothers Ltd għall-appell intavolat mill-Kummissarju tal-Artijiet:</u>**

**5.** L-appellat nomine (għas-soċjeta` Canadian Brothers Ltd) irrisponda biex jgħid li l-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet għandu jiġi riġettat fl-intier tiegħu bl-ispejjez kontra tiegħu u ssottometta:

(1) <u>Dwar l-ewwel aggravju</u>, jirreferi għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (li jikkorrispondi ghall-Artikolu 4(2) tal-Kap 319) li fil-*proviso* tiegħu jistipula li l-Qorti <u>tista'</u> tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartiklu meta tkun sodisfatta li hemm jew kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat skont xi liġi oħra. Jargumenta li hija għalhekk <u>diskrezzjonali</u> għall-Qorti jekk tagħżilx li teżerċita s-setgħat tagħha jew le. Fit-tieni lok jgħid li anke kieku huwa għażel li jipproċedi abbażi tal-Artikolu 1078 tal-Kodiċi Ċivili, u bħala konsegwenza l-Kummissarju tal-Artijiet kellu jiġi kostrett jibda' l-proċeduri relattivi, dan fih innifsu ma kienx ser jipprovdi rimedju għall-ksur ta' drittijiet fundamentali sofferti minnu għaliex il-ksur li diġa seħħ ma kienx ser jiġi indirizzat. Isostni li l-allegat rimedju indikat mill-appellant mhux fin-natura ta' rimedju ordinarju <u>effettiv</u>. Jgħid ukoll li ladarba l-ewwel Qorti għażlet li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha a bażi tal-Artikolu 46(2) dik id-diskrezzjoni mhux sindakabbli minn Qorti tat-tieni grad speċjalment fejn dik id-diskrezzjoni tiġi eżerċitata favur l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Isemmi wkoll li l-Kapitolu 88 kif kien fiż-żmien tal-espropriazzjoni ma kienx iħalli lill-Kummissarju f'liberta` biex jiftaħ il-proċeduri, anzi kien jimponi fuqu l-obbligu li jiftaħ dawk il-proċeduri u kwindi dan kellu jsir fi żmien raġjonevoli, u għalhekk mhux il-każ fejn l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ġiet imħollija fir-rieda tad-debitur. Finalment, dwar dan l-ewwel aggravju, l-appellat jaċċenna għall-fatt li l-Avviż għall-Ftehim innifsu inħareġ wara ħafna snin minn meta l-art ġiet espropriata – u ċioe` mill-1974 sal -1992.

(2) Dwar it-tieni aggravju, (l-allegata interpretazzjoni ħażina da parti tal-ewwel Qorti tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6(1) tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea) l-appellat isostni li dan huwa infondat għaliex huwa inutli li wieħed ikollu dritt għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli jekk dawk il-proċeduri ma jiġux mibdija mill-awtorita` li hija bil-liġi obbligata li tibdihom: meta proċediment huwa obbligatorju u konness mad-determinazzjoni ta' dritt fondamentali bħal dak tal-proprjeta`, dak il-proċediment għandu jseħħ fi żmien raġjonevoli. Di piu` l-appellat jaċċenna għall-fatt li l-proċeduri li effettivament inbdew quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ (fl-2004) għadhom ma ngħalqux u dan fih innifsu jikkostitwixxi wkoll ksur ta' dritt smiegħ xieraq.

(3) Dwar it-tielet aggravju, isostni li huwa l-appellant innifsu li qed jagħmel interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol u mhux l-ewwel Qorti. Jargumenta li l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ mhux proċeduri idonei biex jiġu investigati lanjanzi ta' indoli kostituzzjonali u fil-fatt dak il-Bord m'għandux il-kompetenza li jidħol f'punti ta' drittijiet fundamentali. Jissottolinea l-punt li l-kumpens li jista' jiġi perċepit bħala riżultat tal-azzjoni quddiem l-imsemmi Bord mhix intiża biex tikkumpensa l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali. Inoltre jaċċenna għall-fatt li l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni hija waħda ampja ferm għaliex tagħti dritt ta' azzjoni fejn xi dispożizzjoni dwar drittijiet fundamentali "*tkun ġiet, tkun qed tiġi, jew tkun x' aktarx ser tiġi miksura*" u jargumenta li indipendentement mid-deċiżjoni tal-Bord, il-vjolazzjoni diġa' seħħet u qegħda kontinwament tiġi pperpetrata in kwantu l-Kummissarju tal-Artijiet dam tul ta' żmien esaġerat biex ħaddem mekkaniżmu tal-kumpens u fil-fatt sa llum huwa għadu ma ħax il-kumpens mistħoqq. Finalment, fir-rigward ta' dan it-tielet aggravju, l-appellat jgħid li hija assolutament żbaljata s-sottomissjoni li l-espropriazzjoni odjerna hija protetta bl-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u jsostni li fiż-żmien li l-art ġiet espropriata huwa kellu l-protezzjoni kollha tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Fi kwalunkwe każ, jaċċenna għall-fatt li l-ewwel Qorti sabet ukoll vjolazzjoni tad-dritt għat-tgawdija tal-proprjeta` taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-

Konvenzjoni Ewropea li fir-rigward tiegħu l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ma joffri l-ebda protezzjoni.

(4) Fir-rigward tar-raba' aggravju, l-appellat iħossu ferm perpless u jsostni li kieku l-ewwel Qorti ddikjarat li l-aġir tal-appellant wassal għal vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għar-rispett tal-proprjeta` u għal smiegħ xieraq imbagħad waqfet hemm, din il-proċedura ma kinitx tkun ħlief farsa. Huwa jinsisti li l-proċeduri kostituzzjonali għandhom il-għan li jindirizzaw il-leżjoni tad-dritt fundamentali billi kemm jista' jkun ipoġġu liċ-ċittadin f'pożizzjoni daqs li kieku dak il-ksur qatt ma seħħ.

**Appell Inċidentali ta' Peter Azzopardi għan-nom u in rappreżentanza tal-Canadian Brothers Ltd:**

**6.** L-appellat kontestwalment mar-risposta tal-appell tiegħu ippreżenta Appell Inċidentali.

**7.** Huwa jirrileva li għalkemm fis-sustanza u r-raġjonament tagħha s-sentenza tat-12 ta' Novembru 2010 hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata, huwa jilmenta mill-fatt li bħala rimedju għall-vjolazzjonijiet li l-ewwel Qorti sabet fil-konfront tiegħu hija ffissat biss il-kumpens ta' €25,000. Huwa jispjega li dan l-ammont mhux sufficjenti biex jikkumpensah għall-vjolazzjonijiet dikjarati mill-istess Qorti u għandhom jiġu kkunsidrati ċertu fatturi bħal per eżempju l-fatt li l-proprjeta` kienet intiża biex fuqha tinbena showroom tal-karozzi, u l-fatt li hija f'post ċentrali u għalhekk kellha potenzjal kummerċjali kbir. Jargumenta illi li kieku huwa rċieva l-kumpens fil-waqt kien seta' investa band'oħra u kien ikun ilu erbgħin sena jibbenefika mill-isfruttar kummerċjali ta' dak il-kumpens. Huwa jsostni li l-unika rimedju għall-espropriju soffert minnu hu li l-kumpens jiġi determinat mill-Bord bil-valuri almenu tal-2004.

**8.** Għaldaqstant huwa qed jitlob lil din il-Qorti tilqa' l-appell inċidentali tiegħu u tbiddel is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2010 mogħtija mill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-sens li bħala rimedju għall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu tordna lill-

Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet biex għal dan il-każ partikolari jiddetermina l-kumpens skont il-valur tal-proprjeta` fl-2004, u ċioe` d-data ta' meta l-Kummissarju tal-Artijiet fetaħ il-proċeduri quddiem l-imsemmi Bord, u tordna lill-Kummissarju tal-Artijiet iħallas lis-soċjeta` Canadian Brothers Ltd somma akbar minn €25,000 bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, u dan fil-waqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata, bl-ispejjeż tal-ewwel istanza a karigu tal-konvenuti (intimati) u tat-tieni istanza a karigu tal-Kummissarju tal-Artijiet.

**<u>Risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet għall-Appell Inċidentali ta' Peter Azzopardi għan-nom u in rappreżentanza tal-Canadian Brothers Ltd:</u>**

**9.** Il-Kummissarju tal-Artijiet wieġeb għall-appell inċidentali tal-appellat. Huwa jissottometti l-argumenti li ressaq l-appellat biex jiġġustifika l-aggravju tiegħu dwar il-kumpens mogħti mill-ewwel Qorti għandhom jinġiebu quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet peress li huwa tali Bord li għandu l-kompetenza jistabbilixxi l-kumpens xieraq.

**10.** Isostni li l-Qorti mhix obbligata tistabbilixxi danni iżda l-iskop ta' dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huma intiżi biex jiġu stabbiliti standards u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-istandards huwa r-rimedju ewlieni.

**11.** Dwar il-valur tal-proprjeta`, l-appellant jargumenta li l-appellat ma jistax jippretendi li jingħata l-valur tal-proprjeta` fl-2004 peress li meta jiġi stabbilit il-valur ġust tal-proprjeta` mill-Bord tali valur jikkomprendi imgħax u għalhekk jieħu in konsiderazzjoni d-dewmien bejn it-teħid u l-ħlas effettiv tal-kumpens.

**12.** Għalhekk l-appellant jissottometti li l-Appell Inċidentali tal-appellat għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu, stante li f'dan l-istadju huwa purament kapriċċuż.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

***L-Appell Prinċipali tal-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet***

L-ewwel aggravju tal-Kummissarju tal-Artijiet: *kien jeżisti rimedju ordinarju.*

**13.** Dan l-aggravju huwa pjuttost repetizzjoni tat-tieni eċċezzjoni tar-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet tal-4 ta' Mejju 2000 fejn il-Kummissarju tal-Artijiet eċċepixxa li l-ewwel Qorti kellha tiddeklina milli teżerċita l-ġuriżdizzjoni tagħha skont il-Kap IV tal-Kostituzzjoni u skont l-Att XIV tal-1987 stante li r-rikorrent appellat kellu "mezzi xierqa" ta' rimedju għal-lanjanzi tiegħu. Issa fl-ewwel aggravju tiegħu qed isostni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta rriteniet li r-rikorrent appellat ma kellux "rimedju ordinarju u effettiv".

**14.** Il-Kummissarju tal-Artijiet jissottometti li l-Artikolu 22(3) [1] tal-Kapitolu 88 imkien ma jimponi terminu fuq l-awtorita` pubblika li fih għandu jsir rikors quddiem il-Bord. Anzi jargumenta li fir-rigward ta' dan l-artikolu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1078(b) tal-Kodiċi Ċivili[2] u għalhekk l-appellat kellu d-dritt li jutilizza dan ir-rimedju u jistitwixxi proċeduri ċivili fejn jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir li fih huwa, l-Kummissarju tal-Artijiet, jrid jaġixxi biex ikompli l-proċedura tal-espropriazzjoni.

---

[1] **L-Artikolu 22(3) tal-Kap 88,** fl-1992, is-sena li fih saret l-offerta kien jistipula hekk:

"*Jekk is-sid b'mezz ta' att ġudizzjarju ma jaċċettax l-offerta magħmula mill-awtorita` kompetenti, il-każ jiġi mressaq quddiem il-Bord b'rikors li jsir mill-awtorita` kompetenti, u l-Bord għandu jagħti l-ordnijiet jew il-provvedimenti kollha meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza*."

[2] **Artikolu 1078**: "*Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:*
*……..*
*(b) jekk l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett tagħha xi ħaġ' oħra li ma tkunx somma flus, iż-żmien li fih għandha tiġi esegwita l-obbligazzjoni jiġi stabbilit mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi."*

**15.** Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern din il-Qorti ma hix tal-fehma li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni li eżerċitat l-ewwel Qorti meta ma ddeklinatx li tezerċita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha u dan peress li fil-kaz ta' llum ma jezistux dawk l-estremi li jiġġustifikawha li tagħmel dan u anzi hi wkoll hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi t-tieni eċċezzjoni ma kellhiex tintlaqa'.

**16.** Qabel l-emendi tal-2002 kien jinkombi fuq l-intimat Kummissarju tal-Art li mad-dikjarazzjoni tal-President li xi art hi meħtiega għal skop pubbliku jew "mill-aktar fis possibbli" wara joħroġ l-Avviż għall-Ftehim li jkun fih l-ammont tal-kumpens offrut sabiex ir-rikorrent ikun imbagħad jista' jirregola ruħu dwar dik l-offerta. Jirriżulta illi mill-jum meta deher l-Avviż tal-Espropriazzjoni Nru 691 fil-Gazzetta tal-Gvern (11 ta' Ottubru 1974) sal-jum meta ħareġ l-Avviż għall-Ftehim (19 ta' Ġunju 1992) għaddew <u>tmintax-il sena</u>. B'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' dan it-trapass ta' żmien jitqies bħala "mill-aktar fis possibbli". Biex tkompli titgħarraq is-sitwazzjoni jista' jiżdied ukoll li bejn l-1974 (meta l-art ġiet espropriata) u l-2004[3] (meta l-Kummissarju ipproċeda quddiem il-Bord) għaddew <u>tletin sena</u> u dan meta ċertament kien jinkombi fuq l-intimat Kummissarju tal-Artijiet li darba li ttieħdet biċċa art forzatament kellu diliġentement u mingħajr tnikkir jieħu dawk il-proċeduri neċessarja sabiex jassigura li r-rikorrent jiġi kumpensat għall-art li ġie forzatament privat minnha.

**17.** Huwa minnu li ma hux esklużli jista' jkun hemm sitwazzjonijiet meta l-inattivita` tal-persuna li l-art tagħha ġiet esproprijata tittieħed in konsiderazzjoni biex wieħed jara jekk dik il-persuna kellhiex mezz xieraq ta' rimedju sabiex il-Qorti tiddeċiedi jkunx desiderabbli li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha. Di fatti, kif anki rilevat mill-appellant Kummissarju tal-Artijiet fir-rikors tiegħu tal-appell, din il-Qorti, fir-rigward ta' lment ta' ksur tad-dritt ta' aċċess għall-Qorti, kienet iddeklinat milli ssib ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni proprju għar-raguni li min kien qiegħed jilmenta ma kienx utilizza r-rimedju ordinarju li

[3] 12 ta' Jannar 2004

jistitwixxi proċeduri ċivili li bihom jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-Kummssarju tal-Artijiet ikun irid jaġixxi biex ikompli l-proċedura tal-esproprjazzjoni. Iżda f'każ bħal dak tal-llum fejn l-awtorita` pubblika kompetenti naqset milli taġixxi bid-diligenza opportuna għal żmien tant twil billi l-ewwel ħadet tmintax-il sena biex toħroġ l-Avviz għall-Ftehim u imbagħad ħadet mhux anqas minn tnax-il sena oħra sabiex ipproċediet quddiem il-Bord kompetenti, ma jkunx ġust li l-awtorita` pubblika tiġi ppremjata għall-ineffiċjenza u ibernazzjoni tagħha billi din il-Qorti tiddeklina mill-eżerċizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, u anzi jsir impellenti li din il-Qorti tasserixxi dik il-ġurisdizzjoni sabiex issir ġustizzja mal-persuna privata mill-proprjeta` tagħha għal żmien tant twil mingħajr kumpens[4].

**18.** Inoltre, din il-Qorti ma tistax ma tieħux konjizzjoni ta' dak li rriteniet il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ reċenti ta' **Vassallo v. Malta**[5] u ċioe`:

"…owners could not be expected to incur the expense and burden of instituting proceedings to ensure the authorities' fulfilment of their legal obligation (see, *mutatis mutandis*, *Apostol v. Georgia*, no. 40765/02, §§ 64-65, ECHR 2006-XI, in relation to enforcement proceedings). Moreover, the mere fact that the Government would have been forced by means of a court decision to initiate proceedings, would not guarantee that those proceedings would thereafter be pursued with due diligence."

**19.** B'danakollu, li kieku r-rikorrent appellant aġixxa skont l-Artikolu 1078(b) x'aktarx li l-Kummissarju kien jipproċedi quddiem il-Bord xi żmien qabel l-2004 u b'hekk d-dewmien totali tal-proċeduri tal-espropriazzjoni kien x'aktarx jonqos u għalhekk dan ser jittieħed in konsiderazzjoni meta din il-Qorti tiġi biex tiddetermina r-rimedju opportun jekk hekk ikun il-każ.

---

[4] Ara Qorti Kost, Farrugia v. Kummissarju tal-Artijiet, 25 ta' April 2008; ara wkoll Qorti Kostituzzjonali Avukat Dr. David Tonna pro et noe et v. Kummissarju tal-Artijiet, 3 ta' Marzu 2011.

[5] ECHR Appl. 57862/08, dec. 11/10/11, #46.

Għalhekk l-ewwel aggravju huwa respint.

<u>It-tieni aggravju tal-Kummissarju tal-Artijiet</u>: *L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ġew interpretati b'mod żbaljat.*

**20.** Il-Kummissarju tal-Artijiet isostni li l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jirreferu għall-proċeduri li jkunu diġa` nbdew quddiem l-awtorita` ġudizzjarja kompetenti u li jieħdu żmien irraġjonevoli biex jiġu deċiżi finalment. Huwa jinsisti li dawn l-artikoli ma jirreferux għal dewmien fl-ikkompletar ta' atti amministrattivi, u dan wisq anqas meta l-istess dewmien seta jiġi evitat bl-intavolar ta' kawża għall-fissazzjoni ta' terminu mis-soċjeta` appellanti stess.

**21.** L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

"(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik <u>huma mibdija</u> minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jihi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli." (sottolinear tal-Qorti)

**22.** Is-subinċiz (2) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għalhekk, japplika għal proċeduri li jkunu mibdija u din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **John Curmi nomine v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2009 gia kellha okkażżjoni tirritjeni li "… *l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni … jipprospetta sitwazzjoni fejn il-proċeduri quddiem Qorti jkunu ġia` mibdija*"*.*

**23.** Din il-kwalifika, li sabiex jiskatta l-obbligu li l-proċeduri jintemmu fi żmien raġonevoli dawk il-proċeduri jkunu "mibdija", ma jirrikorrix fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan l-artikolu jipprovdi li "*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and*

*impartial tribunal established by law*". Huwa minnu li jidher li fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem taħt il-Kovenzjoni id-*dies a quo* li minnu jibda jiġi komputat iż-żmien relevanti sabiex jiġi stabbilit jekk il-proċeduri għad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili jkunux ħadu żmien raġonevoli dan ġeneralment ittieħed bħala l-mument li jkunu nbdew il-proċeduri relevanti[6], liema proċeduri jistgħu ikunu wkoll proċeduri quddiem tribunal amministrattiv[7]. Iżda fil-każ **Vallee v. France**,**[8]** id-data tas-sottomissjoni preliminari meħtieġa mil-liġi ta' pretensjoni għal kumpens lill-awtorita` amministrattiva kompetenti ġiet meqjusa bħala l-bidu taż-żmien relevanti. Di fatti fil-każ **Golder v. UK[9]** il-Qorti Ewropea, wara li rrilevat li "the "contestation" (claim) generally exists prior to the legal proceedings and is a concept independent of them"[10] irrilevat ukoll li hekk kif f'materja kriminali l-komputazzjoni taż-żmien raġonevoli jista' jiskatta f'mument qabel tiġi adita l-Qorti jew Tribunal kompetenti hekk ukoll f'materja ċivili "the reasonable time may begin to run, in certain circumstances, even before the issue of the writ commencing proceedings before the court to which the plaintiff submits the dispute".[11]

**24.** Kif ġia` rilevat, l-inizjattiva sabiex il-proċeduri jibdew u jissoktaw, fiż-żmien rilevanti f'dan il-każ u qabel l-emendi tal-2002 kienet dejjem f'idejn l-appellant Kummissarju tal-Artijiet. Hekk, wara li harġet id-dikjarazzjoni tal-President li biha ddikjara li l-art in kwistjoni kienet meħtieġa għal skop pubbliku kien jispetta skont il-ligi lill-istess Kummissarju li "mad-dikjarazzjoni … jew warajha mill-aktar fis li jista' jkun" jagħti avviż lis-sid li jkun fih l-ammont tal-kumpens offrut. Wara dan sid l-art kellu wieħed u għoxrin ġurnata sabiex iwieġeb. Ir-rikorrent appellat wieġeb fiż-żmien prefiss billi ma aċċettax il-kumpens offert. Għal darb'oħra kien jispetta lill-Kummissarju tal-

---

[6] Ara ECHR Scopelliti v. Italy, 23 Novembru 1993; Muti v. Italy, 23 Marzu, 1994; Katte Klitsche de la Grange,
[7] Ara ECHR König v Germany, 28 Gunju 1978,
[8] Ara ECHR Vallee v France, 26 ta' April 1994 #33
[9] Ara ECJR Golder v UK, 21 ta' Frar 1975
[10] Ara *ibid* #32
[11] Golder v. UK, loc. cit supra, #32; ara wkoll König v Germany, loc. cit. supra, #98

Artijiet biss li jressaq il-każ quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ. Għalkemm il-kontestazzjoni formali bejn il-partijiet jista' jingħad li bdiet meta s-soċjeta` rikorrenti kkontestat l-ammont ta' kumpens offrut din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, tqis li bit-teħid forzat tal-art minnufih skattat pretensjoni da parti tal-istess soċjeta` għal kumpens xieraq u li għalhekk, fis-sustanza, l-kontestazzjoni bejn il-partijiet skattat man-notifika permezz tal-pubblikazjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tad-dikjarazzjoni tal-President għaliex ma' dik id-dikjarazzjoni skatta l-obbligu tal-Kummissarju appellant li jinnotifika lis-soċjeta` rikorrenti bl-ammont tal-kumpens li kien qiegħed joffrilha sabiex tkun tista' tirregola ruħha dwaru.  Għalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li l-perjodu relevanti għall-finijiet tal-komputazzjoni taż-żmien raġonevoli għad-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tas-soċjeta` rikorrenti beda jiddekorri mill-11 ta' Ottubru 1974 bħala d-data li fiha ġiet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern id-dikjarazzjoni tal-President.  Minn dik id-data għaddew aktar minn 37 sena għaliex sa llum jidher li s-soċjeta` rikorrenti għadha qed tistenna li titħallas il-kumpens ġust għall-art esproprjata.  In vista tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

**25.** Għalkemm skont l-Artikolu 7 tal-Att tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li ebda ksur ta' drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali imwettqa qabel it-30 ta' April 1987 ma għandu jagħti lok għat-teħid ta' azzjoni taħt l-Artikolu 4 tal-Att b'danakollu din il-Qorti xorta għandha tieħu in konsiderazzjoni t-trapass taż-żmien sat-30 ta' April 1987 sabiex tiddeċiedi jekk minn dik id-data it-trapass ta' żmien kienx wieħed irraġonevoli.  Meta jittieħed qies tal-fatt li sat-30 ta' April 1987 kienu ġia` għaddew kważi tlettax-il sena mingħajr ma kienu ttieħdu l-proċeduri quddiem il-Bord u meta wieħed iqis ukoll li sa ma nbdew il-proċeduri quddiem il-Bord għaddew aktar minn sittax-il sena oħra din il-Qorti bla eżitazzjoni ta' xejn tqis dan it-trapass ta' żmien mit-30 ta' April 1987 bħala għal kollox irraġonevoli u in vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

**26.** Il-Kummissarju tal-Artijiet fir-rikors tal-appell tiegħu jargumenta wkoll illi kieku l-istess soċjeta` rikorrenti

utiliżżat ir-rimedju ordinarju disponibbli għaliha, id-dewmien kien jonqos "konsiderevolment". Dan jista' jkun li hu l-kaz u l-Qorti ser tiehdu in konsiderazzjoni meta tigi biex tikkunsidra r-rimedju xieraq għall-ksur tal-artikoli relevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni iżda ċertament dan ma hux biżżejjed sabiex jannulla n-nuqqas ta' diligenza manifesta tal-appellant Kummissarju tal-Artijiet sabiex jara li l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq lis-soċjeta` rikorrenti jiġu konkjużi fi żmien raġonevoli.

**27.** Dan l-aggravju konsegwentment qed jiġi milqugħ in kwantu għall-allegazzjoni ta' interpretazzjoni żbaljata tal-ewwel Qorti tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni iżda qed jiġi miċħud in kwantu għall-allegazzjoni ta' interpretazzjoni żbaljata da parti tal-ewwel Qorti tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

It-tielet aggravju tal-Kummissarju tal-Artijiet: *L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ġew interpretati b'mod żbaljat.*

**28.** Din il-Qorti tosserva li ewwel Qorti sabet li kien hemm ksur tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrent appellat ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni mingħajr ma ndikat speċifikatament kif dawn l-artikoli inkisru ħlief b'dikjarazzjoni ġenerali li l-art ġiet esproprijata mingħajr ma tħallas kumpens għal numru ta' snin li tulhom ir-rikorrent ma setax igawdi l-proprjeta`.

**29.** Fil-parti relevanti tieghu, l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi kif ġej:

"(1) Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkum ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni tal-liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist:

(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq,

(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti jew imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens, u

(c) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:"

**30.** Il-Kummissarju tal-Artijiet isostni li ma jistax jingħad li b'xi mod ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent għat-tgawdija tal-proprjeta`, anke jekk il-kumpens xieraq għadu ma ġiex stabbilit mill-Bord tal-Arbitraġġ. Ir-rikorrent appellat da parti tiegħu jargumenta li twettqet vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta` a tenur tal-Artikolu 37 in kwantu l-Kummissarju tal-Artijiet dam tul ta' żmien esaġerat biex iħaddem il-mekkaniżmu tal-kumpens.

**31.** Din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent appellat ma setax javvanza pretensjonijiet kostituzzjonali a bażi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-esproprjazzjoni saret bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 li ilu fis-seħħ minn ħafna snin qabel it-3 ta' Marzu 1962 u għalhekk it-tħaddim ta' dik il-ligi huwa mħares bl-Artikolu 47(9) milli jikser l-Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni. Kif ġie spjegat fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **L-Avukat Dr Rene Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art et**, tal-10 ta' Lulju 2009 in vista tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 ma tistax titqies li tippekka kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u l-istess jingħad għal xi liġi li temenda jew tissostitwixxi xi liġi magħmula f'dik id-data jew wara *purche*` li tali liġi ma tkunx tagħmel xi waħda mill-affarijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Il-Qorti kompliet tgħid hekk:

"*Għalhekk il-paragrafi (a) sa (d) huma rilevanti biss fil-kuntest ta' xi liġi li temenda jew li tissostitwixxi xi liġi fis-*

*seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ma hemmx dubju li l-Kap. 88 ġie emendat wara din id-data, iżda r-rikorrenti f'ebda ħin ma ndikaw xi emenda li b'xi mod taqa' taħt xi wieħed mill-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Għalhekk l-unika konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha hija li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 88 li taħtu saret l-ordni tal-esproprjazzjoni de quo huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni*."

**32.** Fid-dawl tal-insenjament fuq imsemmi din il-Qorti tikkonkludi li t-teħid tal-proprjeta` li sar taħt il-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax jiġi misjub bħala anti-kostituzzjonali taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan għaliex huwa protett taħt l-Artikolu 47(9). Il-fatt li r-rikorrent ilu għal dawn is-snin kollha imċaħħad mill-proprjeta` tiegħu u għadu ma ħax kumpens, għalhekk, ma jistax jammonta għal leżjoni tal-Artikolu 37 imsemmi.

**33.** Il-premess, iżda, ma hux applikabbli għal ilment li jallega ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-fatt l-ilment ta' allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ilment ta' allegat ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kellhom jiġu kkunsidrati separatament u mhux flimkien għaliex fil-konfront tagħhom japplikaw konsiderazzjonijiet differenti. Hekk, ma hemm ebda dispożizzjoni simili għall-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u waqt li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi espliċitament għall-hlas ta' kumpens xieraq ma hemm ebda riferenza espliċita għal dan fl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni li jistipula illi persuna għandha dritt tgawdi l-proprjeta` tagħha u li m'għandhiex tiġi deprivata minn tali tgawdija ħlief għal skopijiet ta' interess pubbliku u skont il-kundizzjonijiet li tistipula l-liġi u l-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

**34.** B'danakollu, din il-Qorti, f'**Dr David Tonna et v. Kummissarju tal-Artijiet** (deċiża fit-3 ta' Marzu 2011) spjegat kif għalkemm dan l-artikolu ma jipprovdix espressament għall-kumpens il-fatt li ma jitħallasx kumpens meta ttieħdet il-proprjeta` huwa fattur determinanti għall-Qorti meta tiġi biex tiddeċiedi jekk

inżammx dak il-bilanċ bejn l-interess privat u l-interess ġenerali kif mehtieg bl-Artikolu msemmi u fuq l-iskorta ta' deċizjonijiet tal-Qorti Ewropea rriteniet li fattur li jrid jittieħed in kunsiderazzjoni huwa li "*compensation for loss sustained could only constitute adequate reparation where it also took into account damage arising from length of deprivation. It had moreover to be paid within a reasonable time*."[12]

**35.** Fil-fehma ta' din il-Qorti ma tirriżulta l-ebda raġuni leġittima għaliex il-proċedura tal-esproprijazzjoni kellha ddum għal dawn is-snin kollha u għalhekk ir-rikorrent appellant għandu jingħata kumpens għal danni morali minħabba ksur tad-dritt tiegħu ta' proprjeta` taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Għall-fini tal-Att XIV tal-1987, kif inghad, dan il-ksur beda jiddekorri mit-30 ta' April 1987 'il quddiem.

**36.** Il-Kummissarju tal-Artijiet jaċċenna għall-fatt li apparti l-ammont li ser jiġi ffissat mill-Bord bħala kumpens ġust u xieraq, ir-rikorrent appellat ser jirċievi wkoll l-ekwivalenti ta' 5% bħala "danni" li jiġi mħallas mid-data tat-teħid fiżiku tal-art sal-ħlas u għalhekk jargumenta li r-rikorrent ser jiġi kkumpensat ampjament u proporzjonalment għat-teħid tal-proprjeta`. Għandu jingħad pero` li l-5% ma jitħallsux in linea ta' danni, iżda huma sempliċiment interessi stabbiliti mil-liġi. Kif ġie ritenut fl-**Avukat Dr Rene Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art et**, "*Il-fatt li l-Kummissarju appellant irid iħallas l-interessi ossia imgħaxijiet għal kull dewmien mhux suffiċjenti biex jissodisfa n-ness ta' proporzjonalita`, għaliex mhux ġust li sid ta' art jitħallas fil-limbu u fil-frustrazzjoni għal għexieren ta' snin, meta huwa seta' jinvesti huwa stess u bl-aħjar mod li jidhirlu huwa, il-kumpens li kien dovut lilu għall-esproprjazzjoni*."

**37.** Dan l-aggravju għalhekk qed jiġi milqugħ in kwantu għall-allegazzjoni ta' interpretazzjoni żbaljata da parti tal-ewwel Qorti tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, iżda qed jiġi

[12] Guillemin v. France (App. 19632/92 - 1998) u Jucys v. Lithuania (App. 5457/03 - 2008)

miċħud fir-rigward tal-allegata interpretazzjoni żbaljata tal-ewwel Qorti tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-raba’ aggravju tal-Kummissarju tal-Artijiet: *Ir-rimedju mogħti mill-Qorti mhux wieħed ġust*

**38.** Il-Kummissarju tal-Artijiet jirrileva li l-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa biex jiġu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta’ vjolazzjoni ta’ dawn l-istandards huwa r-rimedju ewlieni. Isostni li l-Qorti mhux obbligata tistabbilixxi danni f’dawn il-każijiet u meta jingħataw id-danni dan isir minħabba l-fattispecie tal-każ partikolari.

**39.** Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma’ dan l-argument. Kif issottometta r-rikorrent appellat fir-risposta tiegħu, il-proċeduri kostituzzjonali għandhom l-għan illi jindirizzaw il-leżjoni tad-dritt fundamentali billi kemm jista’ jkun ipoġġu liċ-ċittadin f’pożizzjoni daqs li kieku dak il-ksur qatt ma seħħ. Fil-fatt il-Qrati tagħna stabbilew *standards* fis-sens li regolarment jordnaw li jingħata kumpens f’każijiet simili għal dak odjern.

Dan l-aggravju għalhekk qed jiġi miċħud.

**L-Appell Inċidentali tas-soċjeta` rikorrenti Canadian Brothers Limited.**

**40.** Is-soċjeta` rikorrenti ħasset ruħha aggravata bil-fatt li bħala rimedju għall-vjolazzjonijiet li l-ewwel Qorti sabet fil-konfront tagħha ffissat kumpens ta’ €25,000 li skont is-soċjeta` rikorrenti ma hux suffiċjenti .

**41.** Din il-Qorti wara li qieset is-segwenti fatturi:

(1) li r-rikorrent appellat ilu mċaħħad mill-proprjeta` tiegħu għal seba’ u tletin sena (37) u għadu ma ħax kumpens u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea b’effett mit-30 ta’ April 1987;

(2) li l-Kummissarju mhux biss dam tmintax-il (18) sena biex ħareġ l-Avviż għall-Ftehim, (1974-1992) iżda minn meta r-rikorrent ikkontesta l-kumpens offrut il-Kummissarju dam tnax (12) -il sena biex istitwixxa l-proċeduri quddiem il-Bord sabiex jiġi stabbilit il-kumpens (1992-2004) dan id-dewmien, b'effett mit-30 ta' April 1987, ċaħħad lir-rikorrent mid-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tiegħu u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

(3) li r-rikorrent appellat da parti tiegħu ma istitwiex proċeduri ċivili biex jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir li fih il-Kummissarju tal-Artijiet irid jaġixxi biex ikompli l-proċedura tal-esproprijazzjoni u għalhekk hemm element ta' kontributorjeta` da parti tieghu.

Hi tal-fehma li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti favur is-soċjeta` rikorrenti bħala kumpens in linea ta' danni morali għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha huwa wieħed ġust u għandu jiġi konfermat.

**42.** Ir-rikorrent appellat talab ukoll lil din il-Qorti sabiex hija tordna lill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet biex għal dan il-każ partikolari jiddetermina l-kumpens dovut skont il-valur tal-proprjeta` fl-2004, u ċioe` d-data ta' meta l-appellant Kummissarju fetaħ il-proċeduri quddiem l-istess Bord. Din il-Qorti mhix fil-pożizzjoni li tagħmel dan. Il-Bord hu esklussivament kompetenti, skont il-liġi, li jistabbilixxi l-kumpens dovut u jeżistu artikoli fil-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregolaw kif għandu jiġi kkalkulat dan il-kumpens, u mid-deċiżjoni tal-Bord hemm dritt ta' appell. Lanjanzi dwar il-kumpens, anke ta' natura kostituzzjonali, għandhom *se mai* jiġu ventilati quddiem il-Qorti kompetenti wara li jkun hemm deċiżjoni tal-Bord dwar il-kumpens.

Għalhekk l-appell inċidentali qiegħed jiġi miċħud.

**<u>Decide:</u>**

Għall-motivi premessi din il-Qorti, prevja ċ-ċaħda tal-appell inċidentali tas-soċjeta` rikorrenti Canadian Brothers Limited, qegħdha tirriforma s-sentenza appellata billi ma ssibx li kien hemm ksur tal-Artikoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tikkonfermaha fil-bqija.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, ħlief dawk tal-intimat Avukat Ġenerali li għandhom jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti, għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom ikunu a karigu tas-soċjeta` rikorrenti Canadian Brothers Ltd.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------